

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2011/318/PESK

tal-31 ta' Marzu 2011

**dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim Qafas bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Unjoni Ewropea
dwar il-parteċipazzjoni tal-Istati Uniti tal-Amerika f'operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ta'
mmaniġġar ta' kriżijiet**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu, u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(5) u (6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("RGħ"),

Billi:

- (1) Il-kondizzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni ta' Stati terzi f'operazzjonijiet tal-Unjoni ta' mmaniġġar ta' kriżijiet għandhom jiġu stabbiliti fi ftehim li jstabbilixxi qafas għal tali parteċipazzjoni possibbli fil-ġejjieni, pjuttost milli daww il-kondizzjonijiet jiġu definiti abbażi ta' każ b'każ għal kull operazzjoni konċernata.
- (2) Wara l-adozzjoni ta' Deċiżjoni mill-Kunsill fis-26 ta' April 2010 biex jawtorizza l-ftuħ tan-negozjati, ġie n-negozjat, mir-RGħ, ftehim qafas bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Unjoni Ewropea dwar il-parteċipazzjoni tal-Istati Uniti tal-Amerika f'operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ta' mmaniġġar ta' kriżijiet ("il-Ftehim").
- (3) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim Qafas bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Unjoni Ewropea dwar il-parteċipazzjoni tal-Istati Uniti tal-Amerika

f'operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ta' mmaniġġar ta' kriżijiet ("il-Ftehim") huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim sabiex tintrabat l-Unjoni.

Artikolu 3

Il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja mid-data tal-iffirmar tiegħu, sa meta jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu ⁽¹⁾.

Artikolu 4

Il-President tal-Kunsill għandu, fisem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 10(1) tal-Ftehim.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Marzu 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

VÖLNER P.

⁽¹⁾ Id-data tal-iffirmar tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill